

# Iż-Żgħażagħ u l-Volontarjat

Clayton Vella



Għaddiet sena oħra u erġajt qed nikteb kelmtejn għall-ktieb tal-festa li l-każin tal-Għaqda Mużikali Imperial joħroġ ta' kull sena għall-festa ta' Marija Bambina. Għal din is-sena l-messaġġ ħa jkun kemxejn differenti mis-snin preċedenti għax ħa nkun qed nitkellem fuq kif iż-żgħażagħ jistgħu jkunu parti importanti minn soċjetà u fuq il-ħtieġa tal-kontribut volontarju tagħhom.

F'kull soċjetà jew organizzazzjoni, sehem iż-żgħażagħ huwa ferm importanti, kemm għaliex ħafna xogħol illi jsir ikun jitlob enerġija u wieħed ma jistax jippretendi li minn xi membru anzjan ħa jieħu l-istess enerġija li jieħu mingħand żagħżugħ/żagħżugħa, kif ukoll għax għandek l-entużjażmu ta' dak iż-żagħżugħ/żagħżugħa biex jagħmlu affarijiet ġodda u jkollhom ideat aktar moderni. Dan ma jfissirx li wieħed irid jarmi dak li jkun sar minn ta' qabilna, anzi wieħed għandu jkompli jibni fuq dak li ħallewlna dawk li ħadmu qabilna.

Għandek ukoll l-element tal-volontarjat, għax kull xogħol li jsir huwa volontarju u bla qliegħ. Sfortunatament ngħid li l-element tal-volontarjat qed dejjem jonqos aktar ma jgħaddi ż-żmien, u dan qed jinħass ukoll fil-qasam taż-żgħażagħ. Dan għaliex, bil-ħajja mgħaġġla tal-lum il-ġurnata, ftit għadek issib għajnuna u naqsu ġmielhom dawk li veru jkunu jħobbu lis-soċjetà. Speċjalment fil-lokalità tagħna, tista' tgħid li kważi kulħadd ikollu s-'summer job' u allura ftit ikun jista' jagħti sehmu fil-jiem tas-sajf meta jkun bil-vaganzi mill-iskola. Min-naħa l-oħra mbagħad, fix-xitwa dejjem ikunu għaddejjin bl-istudju jew bl-eżamijiet u dejjem tkun diffiċli li ssib l-għajnuna li jkollok bżonn minn żmien għal żmien. Din hija realtà li qiegħda sseħħ quddiemna f'dawn iż-żminijiet għax, għalkemm ikun hemm dik il-ħeġġa biex isiru l-affarijiet u jittellgħu attivitajiet miż-żgħażagħ, l-intoppi ma jonqsux għax kulħadd ikun qed jara l-futur tal-karriera tiegħu/a u ħafna mix-xogħol jispiċċa jsir dejjem mill-istess nies.

Nagħlaq billi nenfasizza li l-element żagħżugħ huwa ferm importanti f'kull soċjetà għax jagħti spinta kbira fuq dak li jkun irid isir u ż-żgħażagħ għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw ideat dejjem ġodda. Jekk l-element tal-volontarjat fost iż-żgħażagħ ma jingħatax spinta 'l quddiem, dan ser iġib miegħu diversi żvantaġġi fil-futur qrib. Għalhekk nappella liż-żgħażagħ li huma mpenjati fis-settur volontarju, b'mod speċjali lil sħabi tal-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial, biex ikomplu għaddejjin bil-ħidma tagħhom u jieħdu pjaċir jagħmlu l-volontarjat li tant jagħti sodisfazzjon lil min jagħmlu.


